**21 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus.*

John Mallia

## Attakk u Reżistenza lill-Pulizija — Art. 95(a) tal-Kodiċi Kriminali.

*Jekk wieħed jindaħal fid-doveri tal-Pulizija u juża, mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva, allura hu jkun ħati ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija, a differenza tal-każ fejn ikun hemm sempliċi kliem oltraġġjus jew sempliċi minaċċi, jew "mera inazione".*

*Fil-każ tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija, jista' talvolta jkun hemm ċerta tolleranza, billi dik il-persuna tkun qegħda tirreżisti lill-Pulizija għax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-libertà proprja; imma din it-tolleranza tispiċċa malli dik il-persuna tispinġi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li*

*jkunu qegħdin iżommuha biex joffendihom fil-persuna tagħhom, u tmur oltre s-sempliċi sforz biex tevadi l-arrest. Imma kwantu għat-terz, din it-teorija, li ġa per sè ma għandhiex bl-ebda mod tiġi largeġġjata jew estiża, ma tapplikax għalieh, avvolja hu jindaħal fid-doveri tal-Pulizija biex jiddefendi lil dik il-persuna, anki jekk tkun tiġi minnu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra John Mallia quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fis-7 ta' Frar 1960, għall-ħabta tal-11 a.m., fix-Schreiber Sports Ground, Raħal Ġdid, għamel reżistenza b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publika kontra P.S. 461 Paul Micallef, persuna nkarigata skond il-liġi b'servizz publiku, fil-waqt li kien jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Marzu 1960, li biha sabet l-imputat John Mallia ħati skond l-imputazzjoni, u minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kondotta tajba tiegħu, u l-fatt li huwa għadu taħt it-tmientax il-sena, illiberatu taħt id-dispożizzjoni tal-art. 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors tal-imputat John Mallia, li bih appella missentenza fuq imsemmija, u talab li jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti kienu, in suċċinto, dawn:— L-appellant odjern kien ġie mressaq quddiem l-Ewwel Qorti flimkien ma' ħuħ Lawrence Mallia, sabiex it-tnejn jirrispondu tad-delitt ta' attakk u, reżistenza kontemplat fl-art. 95(a) Kap. 12. L-inċident li minnu oriġina dan il-proċess kien żvolġa ruħu f'żewġ fażi. Kien hemm ġlieda bejn s-sostenituri taż-żewġ teams li kienu qegħdin jilgħabu fi Schreiber Sports Ground, u Lawrence Mallia ġie "in urto" mal-Pulizija li kienet interveniet biex tisseda l-ġlieda. Dan kien l-ewwel stadju, li jirrigwarda lil Lawrence Mallia, u li l-lum ma hux devolut għal din is-sedi, għax dan Lawrence Mallia ma appellax. Mbgħad kien hemm it-tieni stadju, fejn l-appellant stess

John Mallia ġie "in urto" mal-Pulizija biex jaqbeż għal ħuħ, ċjoè għall-imsemmi Lawrence Mallia;

Hu xieraq, għalhekk, li jiġi preċiżat f'hix kien jikkonsisti dan l-intervent tal-appellant tal-lum. Dan xehed fissens li hu ma għamelx ħaġ'oħra ħlief, biex wieħed juża kliemu stess, "taptapt fuq spallejn is-surġent", u kompla jgħid li għamel hekk biex ikellmu. Mbgħad, żied jgħid, ġie kuntistabbli u sabbtu mal-art. Lawrence Mallia, ġa koimputat, u issa (stante t-terminazzjoni tal-proċeduri kontra tiegħu) xhud kompetenti, li kien preżenti fl-awla fil-ħin li xehed ħuħ, irripeta l-kliem ta' dan, in sostanza. Is-Surġent Micallef, fix-xhieda tiegħu fol. 9 tergo, jgħid li, x'ħin hu kien imqabbad ma' ħu l-appellant ta' issa, dan ġie u ħatfu minn spalltu minn wara, u mbgħad P.C. Pisani ħelsu minn miegħu. Ix-xhud P.C. Pisani jgħid ukoll li l-appellant ħataf minn driegħu lis-surġent, li f'dak il-waqt kien impenjat ma' Lawrence Mallia, u pprova jeħodlu lill-ħuħ minn idejh, u beda jgħajjat "ħallieħ, ħallieħ!" Biex jaqilgħu mis-surġent kellu jagħtieh skoss. Issa, tidher aktar verosimili l-versjoni tassurġent u tal-kuntistabbli Pisani; għaliex ma hux affattu konsonu għall-bonsens li jitwemmen li bniedem li, minflok jiskarta l-inkwiet, jiddeċidi li joħroġ f'nofs il-ġlied, u jmur biex jeħles lill-ħuħ mill-Pulizija, sejjer jillimita ruħu li jtaptap ġentilment lis-surġent aggrappat ma' ħuh, u xejn aktar. Hu sinifikattiv li l-appellant resaq fuq is-surġent, dak il-ħin in kolluttazzjoni ma' Lawrence Mallia, minn wara, mentri, kieku ried jirrimostra biss, kien ikun aktar naturali li jersaq "manibus vacuis" minn quddiem, biex juri biċ-ċar li ħsiebu kien dak biss ta' kliem, u mhux ta' fatt;

Ġa ladarba hu hekk, kif din il-Qorti, konkordement mal-Ewwel Qorti, tirritjeni li kien, hemm il-konkorrenza tar-rekwiżiti tar-reat addebitat. Jekk kien hemm, kif kien hemm, mhux biss il-"via di fatti", imma l-vjolenza effettiva, allura kien hemm l-attakk; għaliex hemm ir-reat, meta l-kolpevoli jkun, kif jgħid il-Carrara, Progr. Parte Speciale, Vol. V, para. 2746, "spinto la mano . . . . contro il corpo dell'esecutore . . . . manifestando intenzione di offenderlo". Divers kien ikun il-każ kieku kien hemm sempliċi minaċċi jew sempliċi kliem oltraġġjuż, jew mera "inazione" (ibidem

para. 2745, u Annotaz. alle Leggi Criminali tal-Avukat Dr. Gpe. Falzon, para. 481);

Għandha tiġi rilevata wkoll ċirkustanza oħra. Fil-każ tal-"arrestando" stess, kif kien hu l-appellant, Lawrence Mallia, wieħed seta', kif evidentement għamel il-Maġistrat, iżomm quddiem għajnejh dan il-bran tal-istess Carrara, loc. ċit.:— "La pratica andò anche più oltre, e quantunque l'arrestando si fosse agitato colla persona, recando in tal guisa impaccio e difficoltà agli esecutori nel trasporto del proprio corpo, ed anche avesse portato la mano sul braccio dell'esecutore non per offenderlo, ma per distaccarlo dalla propria persona, disse che non vi era in tale contegno gli elementi della resistenza, scusando il contegno stesso come un moto istintivo procedente dal naturale desiderio della propria libertà";

S'intendi, dan kollu ma jkunx applikabbli malli l-"arrestando" jispinġi idejh fuq l-eżekutur biex joffendieh f'persuntu u jmur oltre s-sempliċi sforz biex jevadi l-arrest; imma, komunkwe sija, hu ċert li din it-teorija, li ġa per sè ma għandhiex tkun bl-ebda mod estiża jew larġeġġjata, ma tapplikax għat-terz. Ikompli, infatti, il-Carrara jirrileva:— "Ben inteso, che ciò che si tollera nello stesso individuo minacciato nella propria libertà non si tollera per altro in un terzo". Liema konċett, il-Carrara, wara li fil-para. 2748 jirriferixxi ruħu espressament għall-każ ta' konġunti li jintervjenu favur l-"arrestando" f'okkażjonijiet simili, jerġa jirribadixxi fil-para 2750, fejn jakkolla r-responsabbiltà għar-reat fuq imsemmi għal dawk li, barra li jkunu jgħajtu, ikunu anki wżaw vjolenza (u fil-liġi tagħna anki, apparti l-vjolenza, b'sempliċi "vie di fatto"). L-awtur ċitat jiddelinea din l-ipotesi bil-kliem "ai clamori tennero dietro gli atti fisici";

Fil-liġi maltija, skond it-test tagħha espress, huma biżżejjed anki "le vie di fatto", mingħajr ma jkun hemm vjolenza; u l-vija di fatto tista' tikkonsisti anki filli wieħed "mette le mani su un altro" (Falzon, loc. ċit., para. 482);

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.